MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 527/2002

**Charles Bugeja**

**vs**

**Joseph Saliba**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' elf, sitt mija, tlieta u erbghin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu, (LM1643.79,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet u materjali li ntuzaw fl-istess xogholijiet ta'**

**plumbing u elettriku ezegwiti mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili;**

**2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Rat in-nota ta' l-attur datata s-17 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' elf mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu, (LM1143.79,0), stante pagament fil-mori tal-kawza;**

**Rat ukoll in-nota konguntiva tal-partijiet datata t-3 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha nfurmaw lill-qorti li kienu ttransigew il-vertenza ta' bejniethom billi fost affarijiet ohra:**

**1. Illi l-konvenut ammetta t-talba attrici kif ridotta billi obbliga ruhu li jhallas lill-attur l-ammont kif ridott fuq indikat;**

**2. Illi l-partijiet qabblu li kull parti thallas lill-avukat taghha;**

**3. Illi l-ispejjez kollha tar-registru jinqasmu ugwalment bejniethom, bl-eccezzjoni tal-eventwali kontro-mandati li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti, a bazi ta' l-istess ftehim:**

**1. tikkundanna lill-konvenut Joseph Saliba jhallas lill-attur Charles Bugeja l-ammont indikat fl-avviz u kif sussegwentement ridott ghal elf, mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu, (LM1143.79,0);**

**2. Illi rigward l-ispejjez, dawn ghandhom jirriflettu l-ftehim fuq riferit datat it-3 ta' April tas-sena 2003 kif fuq sintetikament riprodott.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------